# IL-KOTBA FUQ IL-ĠRAJJIET TAL-GIRGENTI

S'issa ġew pubblikati tlett kotba bil-Malti, fuq il-Ġrajjiet tal-Girgenti, mid-Dottoressa Sylvana Spiteri, LL.D. u dawn il-kotba ġew maqlubin għall-Ingliż. It-tielet wieħed bl-Ingliż għadu kemm ħareġ.

Nixtiequ li dawn il-kotba jixxerrdu mhux biss ma' Malta w Għawdex imma anke 'l bogħod mix-xtajta tagħna; speċjalment il-kotba bl-Ingliż. Nirrikmandaw lil min għandu niesu imsifrin, jixtri dawn il-kotba u jibgħathomlhom.

Hekk inkunu qed naħdmu biex inxandru l-Messaġġ tal-Madonna u nkabbru d-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Fl-istess ħin inkunu nafu l-istorja tad-Dehriet u tal-Kuntatti tal-Madonna ma' Ġuża Mifsud matul dawn is-snin kollha u li għadhom isiru.

Dawn il-kotba jistgħu jinxtraw waqt il-laqgħat ta' talb jew mingħand is-Segretarja.

**NAVŻAW:**

1. Ġuża Mifsud ma tistax tibgħat irċevuta tal-kontribuzzjonijiet li tibgħatu u lanqas tirrispondi l-ħafna ittri tagħkom.
2. Min irid irċevuta mingħand it-Teżoriera għall-flus li intom ġentilment tibgħatu, m'għandux jinsa jibgħat ukoll l-indirizz tiegħu.
3. Għal kull ma għandu x'jaqsam mal-Fuljett 'Leħen il-Girgenti': kontribuzzjonijiet, korrispondenza, grazzji maqlugħa, opinjonijiet, appuntamenti għal intervista mill-Editur eċċ, għandu jintbgħat f'dan l-indirizz:

**Bro. Victor Privitera,**
**Stella Maris College,**
**Gżira.**

4. Il-Laqgħat li jmiss se jsiru:
a) OTTUBRU: Il-Ħadd, 6 tax-xahar, fit-3 p.m.
b) NOVEMBRU: Il-Ħadd, 3 tax-xahar, fit-3 p.m.
c) DIĊEMBRU: Il-Ħadd, 1 tax-xahar, fit-3 p.m.

---

DIKJARAZZJONI: Il-Bord Editorjali ta' dan il-Fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawn-hekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.



NEWSPAPER POST

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 8 *OTTUBRU 1991* JITQASSAM BLA ĦLAS

## OTTUBRU

### AVE MARIA!

Dan huwa x-xahar tar-Rużarju. Għalhekk ħafna minna nippruvaw ngħidu ħmistax-il posta Rużarju flok il-ħamsa li ngħidu kuljum matul is-sena. Allura l-AVE MARIA tiġi mtennija ħafna aktar mis-soltu. Imma, għandna nġibu quddiem għajnejna it-tifsira ta' din it-talba qasira li tagħti tant gieħ lil Ommna Marija Santissma u togħġob tant 'il Qalb ta' Ġesù? Nieqfu daqsxejn nikkun-sidraw xi ftit kliem tal-Ave Marija.

Inġibu quddiem għajnejna lil Marija, xebba ta' xi ħmistax jew sittax-il sena, miġbura f'estasi ta' talb. F'daqqa waħda jidhrilha Anġlu u jsellmilha: "Sliem għalik, Marija!" Din it-tislima turina diġà il-kobor tal-qdusija ta' din ix-xbejba li kienet tidher bħal xbejbiet oħra. Minnufih l-Anġlu jis-sokta jgħidilha:

### MIMLIJA BIL-GRAZZJA!

Ah! X'kobor ta' qdusija!... Marija, sa dak il-mument, kienet diġà MIMLIJA bil-Grazzja. Alla qegħed fiha kemm Grazzja Alla jista' jqiegħed fi kreatura umana. Mimlija tfisser li ma setgħetx "tasa" aktar Grazzja milli kellha, dak il-ħin. Imma x'ġara ftit wara meta Marija wieġbet lill-Anġlu: "Ikun minni skond kelmtek!" Minnufih Marija saret OMM ALLA għax bis-setgħa tal-Ispirtu s-Santu Hija kkonċepiet lil Ġesù, it-Tieni Persuna tas-Santissma Trinità.

Dak kien ħin solenni meta, minn xbejba fost ħafna xbejbiet, Marija saret il-Mara li Alla daħħal fit-Trinità Mqaddsa! U l-qdusija ta' Mar-

Veritas Press – Żabbar

ija kibret u kibret b'mod li aħna qatt ma nistgħu nifhmu kemm hi kbira din il-qdusija. U Marija marret 'il quddiem u baqgħet dejjem:

### MIMLIJA BIL-GRAZZJA

Dak il-ħin stess wkoll Marija saret OMMNA; u dan ġie kkonfermat minn Ġesù qabel ma miet fuq is-Salib: Omm kull wieħed u waħda minna; OMM il-bnedmin kollha ta' kull razza. Għalhekk il-Madonna għandha s-setgħa u l-qawwa li tieħu ħsiebna lkoll, il-ħin kollu, bħala OMM. U dan ukoll juri l-kobor tal-Madonna.

Nirringrazzjaw 'l Alla ta' dak kollu li għamel għalina permezz ta' Marija u waqt li fir-Rużarju ngħidu l-Ave Marija, waħda wara l-oħra, inġibu quddiem għajnejna l-kobor tad-doni li bihom Alla għogbu jżejjen lil Marija Santissma.

### AVE MARIA!

**NOVEMBRU**

Dan huwa xahar ieħor għal qalbna għax fih niftakru fil-maħbubin tagħna li ħallewna għal ħajja aħjar, li ma tispiċċa qatt. Mhux biss għandna niftakruhom bil-ħsieb iżda noffru l-opri tajba li nagħmlu bħala tpattija tan-nuqqasijiet tagħhom li għalihom għadhom ibatu fil-Purgatorju. Huma għandhom bżonna u lesti dejjem li jgħinuna meta aħna jkollna bżonnhom.

**DIĊEMBRU**

Nitgħallmu nikkunsidraw l-Imħabba li għandu għalina Alla Infinit meta għogbu jibgħat 'l Ibnu għażiż biex isir bniedem bħalna biex jifdina u jsalvana; ALLA li hu KOLLOX, għalina li m'aħna XEJN! Nuru l-imħabba tagħna lejn Alla, billi ngħixu ta' vera Nsara u nuru wkoll imħabba sinċiera lejn l-oħrajn speċjalment lejn il-batuti u l-foqra. Dan hu li Alla jistenna minna.



# NITOLBU BIL-QALB

Fid-diskorsi li jsiru fuq id-dehriet tal-Madonna dejjem nisimgħu li fil-messaġġi tagħha il-Madonna tgħidilna biex nitolbu u nagħmlu penitenza. Meta, dan l-aħħar, Ġuża semmiet it-talb, qaltilna li għandna nitolbu "mhux biss bil-fomm imma bil-qalb".

X'ifisser "nitolbu bil-qalb"? – Il-qalb spiss tfisser 'imħabba' jew 'rieda tajba'; imma tista' tfisser ukoll 'il-moħħ', 'il-menti', 'il-ħsieb'. Ngħidu 'imħobbok b'qalbi kollha'; 'tgħidli qalbi'; 'qalbi ħebritni'. Min-naħa l-oħra il-kelma 'talb' ma tfissirx biss tgħid xi talba biex taqla' xi grazzja. Anzi, it-talb huwa kull għamil li bih tagħmel kuntatt m'Alla, biex, f'imħabba sinċiera tadurah, tiżżih ħajr, u tagħtih il-ġieħ li Ismu ħaqqu. It-talb lill-Madonna jwassalna għal kuntatt m'Alla stess għax hija 'Omm Alla' u l-ġieħ li nagħtu lilha jagħti ġieħ lil Alla stess. Inħobbu lill-Madonna għax inħobbu 'l Alla fuq kollox u qabel kollox.

Aħna lkoll nafu li meta nkunu qegħdin nisimgħu l-quddies jew ngħidu r-rużarju, kull ma nisimgħu jew naraw madwarna jtellifna dik l-attenzjoni li neħtieġu biex inkunu nitolbu 'bil-qalb'. Titlob bil-qalb tfisser li żżomm ruħek intimament fil-preżenza t'Alla jew tal-Madonna u tkellimhom bħal li kieku qed tarhom maġenbek u taħseb f'dak li qed tgħid fit-talb u mhux qisek xi *tape-recorder*. Nieħdu eżempju biex niftehmu aħjar. Nissopponu li int qed tagħmel telefonata lil xi ħabib intimu; ma tħossx li qisek qed tarah? ... u waqt li tkellmu kważi tħossu maġenbek? ... u ħsiebek ma jkunx ħlief f'dak li tkun qed tgħidlu.

Hekk għandna nagħmlu meta nitolbu lil Ġesù jew lill-Madonna. Ma nagħtux każ ta' x'ikun għaddej madwarna. Mhux biss, imma nkunu konvinti li Ġesù u l-Madonna ikunu verament magħna u mhux biss fl-immaġinazzjoni tagħna.

Meta nidraw nitolbu verament bil-qalb, inkunu qed nidraw ngħixu fil-preżenza t'Alla il-ġurnata kollha. Mingħajr diffikultà moħħna jdur spiss lejn Alla u l-Madonna waqt il-ħidma tagħna, tkun xi tkun; ngħidulhom mingħajr mistħija li nħobbuhom u nitolbuhom l-għajnuna tagħhom. Din l-attitudni id-dawwar ix-xogħol tagħna stess f'talb li jogħġob ħafna 'l Alla.

Din hija t-triq li twassal għall-paċi tal-qalb.

# NIFHMU LIL ĠUŻA (3)

## ĠUŻA U L-EWKARISTIJA

Jekk inħarsu lejn id-devozzjonijiet li nsibu madwarna, naraw li biċċa l-kbira tan-nies li jiffrekwentaw il-knejjes tagħna, għandhom xi preferenza għal xi qaddis jew qaddisa fid-devozzjoni tagħhom. Dan ma jfisserx li din id-devozzjoni partikulari teskludi kull devozzjoni oħra. Kull devozzjoni għal xi qaddis għandha twassal għal imħabba sinċiera lejn Ġesù, altrimenti ma tkunx ħlief devozzjoni żbaljata u żvijata.

Issa inħarsu lejn Ġuża Mifsud u d-devozzjoni tagħha lejn il-Madonna. Forsi hawn min jaħseb li peress li Ġuża hi persuna privileġġjata mill-Madonna, b'dehriet u kuntatti li ilhom sejrin aktar minn ħamsin sena, id-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Konsagrazzjoni hija l-qofol tal-ħidma spiritwali kollha tagħha. Il-verità hija oħra! Dawk li jafuha mill-qrib jafu li ċ-ċentru tal-ħajja spiritwali tagħha hija l-EWKARISTIJA, b'fidi u mħabba straordinarja, miġjuba lilha mill-Madonna, li ilha tieħu ħsiebha sa minn meta Ġuża kienet għadha żgħira.

Ġuża ma tistax ma tħobbx lill-Madonna; imma kif tgħid hi, il-Madonna u Ġesù ma jistgħux jinfirdu u nistgħu ngħidu mingħajr tlaqliq li l-Ewkaristija u l-Madonna jimlew bis-sħiħ il-ħajja spiritwali tagħha. Għalhekk fid-diskorsi kollha tagħha tħeġġiġna nħobbu kemm 'il Madonna u kemm l-Ewkaristija. Kien il-Ħamis, festa tal-Corpus Christi 1988, (kif konna niċċelebrawha qabel) li Ġuża rat u semgħet affarijiet straordinarji fl-Ostja waqt il-Konsagrazzjoni. Rat lil Ġesù kollu dmija u semgħetu jilmenta mit-tqarbin ħażin li qed isir. Ħamest ijiem wara, kien hemm laqgħa ta' talb, il-Girgenti, fit-8 ta' Ġunju. Waqt din il-laqgħa aħna, folla żgħira li attendejna minkejja ta' temp ħażin, rajna dawk il-fenomeni straordinarji fix-xemx li s-suġġett tagħhom kien l-EWKARISTIJA. Minn dakinhar 'l hawn Ġuża baqgħet tara ħwejjeġ straordinarji; imma dawn hi ma xxandarhomx.

Dan kollu juri li l-missjoni fdata lil Ġuża mill-Madonna, hi ċentrata fl-Ewkaristija Mqaddsa li qeda tagħmel ħwejjeġ kbar magħha.



# IL-MAGNIFICAT

**1. "Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej u l-Ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi."**

a) Inħoss li f'dan l-innu ispirat, Marija qeda tistqarr, bl-akbar imħabba u sempliċità, id-doni speċjali li ġew mogħtija lilha bi grazzja speċjali mill-Mulej.

b) Dan ifisser li Marija, mogħnija bil-grazzja effikaċi, dejjem faħħret u qdiet lil Alla bħala l-aktar qaddejja fidila tiegħu. Hi ħarset il-Kmandamenti bl-akbar mod perfett u qaddis.

c) Marija hi l-isbaħ u l-egħżeż eżempju ħaj fil-qadi bil-ferħ tal-Liġi t'Alla biex kull predestinat jimxi fuqu.

d) Il-Paċi u l-Ferħ li kontinwament ġarrbet Marija f'ħajjitha, jisboq lil dak tal-erwieħ kollha ġusti.

Għaliex? – Hi saret taf mit-tislima ta' Gabriel: "Dak li ser jitwieled minnek ikun qaddis u jissejjaħ Bin Alla." (Lq. 1, 35)

**2. "Għax is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar."**

a) Marija, mimlija b'għerf qaddis, tistqarr b'umiltà, li l-kobor kollu tagħha hu rigal ta' Dak li hu setgħani u kbir fih in-nifsu.

b) Dan ir-rigal f'Marija kellu jsaħħaħ il-fidi u t-tama tagħna, bnedmin dgħajfa għall-predestinazzjoni tagħna permezz tagħha. Dan jispjegawh fid-dettal u b'mod ċar l-għalliema Marjoloġi tal-Knisja Kattolika.

**3. "Qaddis hu l-Isem tiegħu."**

a) Marija kienet taf li binha kien il-Qaddis li jixraqlu kull tifħir u glorja għax quddiemu tmil kull irkobba fis-Sema u fl-art. Qaddis u Etern hu Alla ta' Marija u tagħna.

b) Għalhekk, kif igħallem San Pawl, fl-ittra tiegħu lill-Efesin: "Fi Kristu Ġesù l-Fidwa tagħna lkoll."

**4. "L-Ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi."**

Hienja int Marija għax emmint li JSEHH dak kollu li l-Mulej ħabbarlek permezz tal-messaġġier tiegħu Gabriel!

Grazzi, Mulej, li tajtna 'l Marija, li tħobbna, li tgħinna ngħixu r-Rieda tiegħek sa ma naslu għandek.

**Dun Żaren Tonna**

# AĦBARIJIET

## IL-LAQGĦA TAT-28 TA' LULJU 1991

Kif kien imħabbar, l-ASSEMBLEA ĠENERALI saret fit-28 ta' Lulju 1991, biex jingħażel Kumitat ġdid u jiġu approvati l-emendi ta' l-Istatut tal-Moviment tagħna.

Peress li ħafna ma ġewx għal-laqgħa se nsemmu xi emendi li ġew approvati u li issa jibdew iseħħu.

1 Il-President tal-Kumitat jiġi magħżul mill-Kumitat fl-ewwel laqgħa tiegħu u mhux mill-Assemblea Ġenerali.

2 It-Tesseri tal-membri tal-Moviment għandhom jiġu mġedda kull erba' snin.

3 Ma jistax ikun hemm aktar minn żewġ membri tal-istess familja fil-Kumitat.

4 Hadd ma jista' jkun membru tal-Kumitat jekk ikun magħruf bħala 'persuna politika', jiġifieri membru parlamentari, membru f'xi kumitat jew għaqda politika, attivist politiku eċċ...

5 Meta jkun meħtieġ, isiru 'Sotto-kumitati' immexxija minn membri tal-Kumitat. Min jista' jgħin hu mitlub javża lill-Kumitat.

6 Il-Kumitat ikun magħmul minn 10 membri u għandu d-dritt li jagħmel 'co-option ta' tnejn oħra, meta u jekk ikun meħtieġ.

## IL-KUMITAT IL-ĠDID

**Presidenti Onorarji:** Ġuża Mifsud u l-Imħallef Prof. Wallace Ph. Gulia, LL.D., B.A., B.Sc., M.A. (Admin.), D.P.A.
**Direttur Spiritwali:** Dun Nazzareno Tonna
**President:** Mr. Philip Azzopardi, A. & C.E.
**Viċi-President:** Mr. Charles P. Attard
**Segretarja:** Dr. Sylvana Spiteri, LL.D.
**Assist. Segretarju:** Brother Victor Privitera, F.S.C. B.A.
**Teżoriera:** Mrs. Mary Rose Bonnici
**Assist. Teżoriera:** Mr. Carmelo Falzon, A. & C.E.
**Membri:** Mrs. Kelina Spiteri, Mr. Alfred Micallef, Mr. Anthony Vella, Mr. Indrì Spiteri.



# GRAZZJI MAQLUGĦA

**1. Din il-grazzja kienet ġiet ippubblikata f'Novembru 1985. Se nġibuha għal min ma jafx biha.**

## MA SETGĦETX IKOLLHA TFAL

Mara mir-Raħal Ġdid tirrakkonta x'ġara kif ġej: "Kont pazjenta l-Isptar San Luqa. F'ħin minnhom bdejt nibki u pazjenta oħra staqsietni x'kien ġrali. Għidtilhom li t-tobba kienu għadhom kif qalu lili u lil żewġi li biex insalva ma stajtx ikolli tfal."

"Jiena tlabt lill-Madonna tal-Konsagrazzjoni kif qaltli din il-mara u qabel dħalt għall-operazzjoni għamilt xi ilma li tawni fuq żaqqi. Wara l-operazzjoni it-tobba qaluli li l-operazzjoni kienet suċċess u ma neħħewlix dak li ħasbu għall-ewwel u allura stajt nerġa' jkolli tfal. Illum ninsab ferħana imdawra mill-familja u, jekk Alla jrid jista' jibgħatli tfal aktar."

**2. F'intervista li, bħala editur ta' dan il-fuljett għamilt lil żewġ sinjuri, ħbieb sew ta' Ġuża Mifsud, sirt naf b'xi fatti tal-imgħoddi u fosthom dan li ġej:**

## MA SETGĦETX ISSALVA TARBIJA

Waħda minn dawn is-sinjuri li ma xtaqitx ixxandar isimha imħabba il-pożizzjoni għolja tagħha fis-soċjetà, qaltli li kellha seftura (ħassiela) li kellha bintha miżżewġa li ma setgħetx issalva tarbija. L-unika tarbija li għexet damet ħajja seba' sigħat biss. Din kienet sitwazzjoni li ġabet inkwiet fil-familja.

Is-sinjura informat lil Ġuża b'dana kollu u Ġuża weġbitha: "Għidilha biex ma tinkwetax, għax taħt is-salib se ssib il-glorja." Is-sinjura għaddiet il-messaġġ lill-ħassiela u din lil bintha. Għadda xi żmien u s-sinjura saret taf li bint il-ħassiela reġgħet ħarġet tqila. Ix-xhur għaddew u kollox kien sejjer tajjeb.

Waslet il-festa tar-Redentur u din il-mara ġabet fid-dinja tarbija l-ġmiel tagħha, kollha saħħa. Meta saqsejt lis-sinjura jekk it-tarbija għadhiex ħajja, hi weġbitni: "Iva, u xi ġmiel ta' tarbija!"... Dan il-fatt ġara xi tlett snin ilu, fl-1988.

"Taħt is-salib, sabet il-glorja!"